**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta Distrett – Mosta**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 9 t'April, 2019

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Rita Scerri, detentriċi tal-Karta tal-Identita` numru 315865M**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Rita Scerri** u cioe` talli:

Fix-xahar ta' Awwissu, 2018, u/jew fiż-żminijiet ta' wara f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika inġurjat u/jew heddet lil Melaine Cassar u/jew persuni oħra u/jew membri tal-familja tagħha.

2. U iktar talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi għamlet użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Semghet lill-prosekuzzjoni tirtira l-ewwel imputazzjoni minhabba li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hija proprju dik trimestrali skond l-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali peress li l-piena ghar-reati addebitati lill-imputata hija dik ghall-kontravvenzjonijiet.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata qed tigi akkuzata talli permezz ta' *Facebook* kitbet kliem indirizzat lejn il-parte leza Melanie Cassar u membri ta' familtha;

Illi l-kliem li allegatament intqal mill-imputata kien *"Nirra kif johrog biex jaqsam it-triq jafgu ligbar trak f'*** I'd demm tijek muqran u in Nies li kien am hadd ma ta Xejn jew bla bajd miskom tisthu povra qattusa jahasra".*

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax tifhem x'kien l-iskop li kif jinghad fl-affidavit ta' WPS 224 Susanne Fenech, l-imputata tigi msejjha *"tirrikorri l-ghassa tal-Mosta"* sabiex tigi mitkellma fejn giet infurmata bir-rapport kif ukoll bil-messag li nkiteb kif ukoll giet infurmata li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront taghha.

Illi l-procedura penali taghna hi cjara meta tipprovdi fl-artikolu 355AD tal-Kodici Kriminali l-iskop ghaliex persuna tista' tigi mitluba tattendi f'Ghassa:

> (3) Il-Pulizija tista, bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li nnuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5).

Mill-istess affidavit ma jirrizultax li l-imputata intalbet taghti xi taghrif jew tipproduci dokumenti kif jissemma f'dak l-artikolu. Lanqas ma

jirrizulta li l-imputata giet interrogata bhala persuna suspettata, fejn ghalhekk kienu jiskattaw l-obbligi naxxenti mill-artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali.

Fis-sentenza tak-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Josaphat Fenech** intqal:[1]

Illi inoltre jirrizulta b'mod car u ampju illi l-Ufficjali tal-Pulizija illi marru fuq il-post naqsu milli jaghtu lill-appellant id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu u dan kemm meta waqfuh l-ewwel darba u anke meta haduh gewwa l-ghassa tal-Pulizija. Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt illi kien qieghed jigi mitkellem mill-Ufficjali tal-Pulizija huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tieghu ghall-smiegh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall esponenti.

Illi d-dritt tal-esponenti taht l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pregudikat meta huwa kien mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u dak kollu li ntqal minnu sussegwentement intuza kontra tieghu.

Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha;

Ghaldaqstant mhemmx dubbju li l-prattika adoperata f'dan il-kaz hi wahda anomala ghall-ahhar, irregolari u ma ssibx komfort b'xi disposizzjoni legali. Ma jaghmel l-ebda sens li persuna tigi msejjha tirrikorri f'Ghassa semplicement biex tigi informata li ser jinhargu akkuzi fil-konfront taghha.

Illi fit-tieni lok jigi rilevat li l-pulizija meta talbet l-informazzjoni minghand Facebook ghamlet dan taht il-premessa li l-att addebitat lill-imputata kien jikkostitiwxxi *"serious crime"* ai termini tar- Regolament 17 tar-***Regolamenti dwar l-Ipproċessar ta' Data Personali fis-Settur tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi*** (L.S. 586.01):[2]

> "reati gravi" tfisser kull reat li l-piena tagħhom hija priġunerija ta' mhux anqas minn sena u għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jinkludu r-reati msemmija fl-artikoli 48(1)(d) u 49 ta' l-Att biex jirregola Komunikazzjoni Elettroniċi;

[1] Per Onor. Imħallef Edwina Grima; Deciza 31.11.2017

[2] Il-legislazzjoni ccitatta fil-kommunikazzjoni lil Facebook, L.S. 440.01, ma ghadhiex tezisti izda llum il-qafas regolatorju rilevanti jinsab fil-L.S. 586.01. Il-Kapitolu 440 gie imhassar bl-*Att XX tal-2018*

Izda bl-emendi introdotti bl-***Att XI tal-2018,*** li dahal fis-sehh fl-14 ta' Mejju, 2018, ferm qabel ma ntbghat ir-request lil Facebook, gie introddot *proviso* gdid ghall-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid:

> Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.

Fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 399 insibu li -

> "apparat" tfisser kull tagħmir jew makkinarju, ikunu kif ikunu deskritti;
>
> "*network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser sistemi ta' trasmissjoni u, fejn dan japplika, tagħmir ta' *switching* jew *routing* u riżorsi oħra, inklużi elementi ta' *network* li m'humiex attivi, li jippermettu l-ġarr ta' sinjali bil-fil, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra, inklużi *networks* satellitari, fissi (*circuit-switched* u *packet-switched*, inkluż l-Internet) u *networks* terrestri mobbli, sistemi ta' elettriku bil-*cable*, sal-limitu li dawn jiġu użati bil-għan li jittrasmettu sinjali, *networks* użati għal xandir bir-radju u televiżjoni, u *networks* ta' televiżjoni bil-*cable*, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;[3]

Illi skond l-artikolu 2 tal-***Att dwar il-Midja u l-Malafama,*** Kapitolu 579 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "inġurja" tfisser malafama bi stqarrija li tkun intqalet b'malizja bil-fomm;
>
> "libell" tfisser malafama permezz ta' pubblikazzjoni; …..
>
> "malafama" tfisser il-komunikazzjoni ta' kliem li jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni ta' persuna u tinkludi l-libell u linġurja;

[3] It-test ingliz jipprovdi "electronic communications network" means transmission systems and, where applicable, switching or routing equipment and other resources, including network elements which are not active, which permit the conveyance of signals by wire, by radio, by optical or by other electromagnetic means, including satellite networks, fixed (circuit-switched and packet-switched, including Internet) and mobile terrestrial networks, electricity cable systems, to the extent that they are used for the purpose of transmitting
signals, networks used for radio and television broadcasting, and cable television networks, irrespective of the type of information conveyed;

"midja" tinkludi kull forma ta' tixrid ta' ideat, informazzjoni, jew opinjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, lill-pubbliku inġenerali jew lil sezzjoni tal-pubbliku, li tkun taħt il-kontroll editorjali ta' editur;

"midja miktuba" tfisser kull kitba jew stampat, isir b'liema mezz isir, u tinkludi kull kontenut tal-midja miktub li jkun imxerred b'kull mezz kemm jekk permezz ta' pjattaformi elettronici online kif ukoll jekk imxerred b'kull mezz offline mingħajr l-użu ta' pjattaformi elettroniċi u tinkludi kull mezz ieħor li bih kliem jew immaġni viżwali jistgħu jinstemgħu jew jiġu perċepiti;…

"pubblikazzjoni" tfisser kwalunkwe att li bih kull midja miktuba tiġi jew tista' tkun komunikata lil jew tinġieb għallgħarfien ta' xi persuni jew li bih kliem jew immaġni viżwali jiġu disseminati;

Illi tenut kont li l-kliem li allegatament intqal sar permezz ta' *Facebook*, li jikkostitiwxxi *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, **sakemm il-kliem jibqghu ta' natura malafamanti biss, tali kliem ma ghadhomx jitqiesu li jammontaw ghall-reat u kull azzjoni kellha tkun wahda purament ta' natura civili** li kellha tittiehed ai termini tal-***Att dwar il-Midja u l-Malafama.***

Ghaldaqstant minkejja li l-ewwel imputazzjoni giet rtirata mill-prosekuzzjoni, galadarba il-kliem kien ppublikat fuq *Facebook* dan ma baqax jinkwadra taht ir-reat kontravvenzjonali ravvizat bl-artikolu 339(1)(e).

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lee Borg**:[4]

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi* ***iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata*** *("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.*

[4] Per Onor. Imhallef Edwina Grima; Deciza 30 ta' Gunju, 2016

Mhemmx dubbju li malli il-kliem malafamanti gie kommunikat lill-terzi, kif gara' malli gie pubblikat fuq *Facebook*, ir-reat **ma baqax wiehed ta' natura kontravvenzjonali.**

Ghaldaqstant anke kieku ma kienitx iddekkoriet il-preskrizzjoni, qatt ma setghet tinstab htija galadarba kif intqal l-ghemil gie dekriminalizzat salv li ma kienx ukoll jammonta ghall-theddid.

Illi sabiex kliem jitqies li hu *"theddid"* issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Frendo**, fejn il-Qorti nterpretat il-kelma theddida bhala **biza t'aggressjoni futura**:[5]

> B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Frendo**, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. .....

F'sentenza ohra **Il-Pulizija vs Mario Camilleri** gie deciz:[6]

> 60. Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Joseph Frendo'** it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta.
>
> *'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ......u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li* ***l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur*** *(ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor*
> *ikkontemplat band'oħra fil-kodici , e.ż. l-artikolu 249)* ***liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent****.'*
>
> 61. F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk:
>
> *'Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja*

[5] Per Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 26 ta' Novembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 76/2008

[6] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Lawrence Quintano. Deciza 30 ta' Settembru, 2009; Numru 1181/2006

*reali u verbali.'* (*L-Imħallef Dr.W.Harding* ***'Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar**.' 25 ta' Gunju 1952.*

62. Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: **Stella Bugeja vs Rosina Bugeja** tal-31 ta' Jannar 1949).

63. Min-naħa l-oħra l-**Antolisei** jgħid dan li gej dwar il-minaccja:

*' e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace..' Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre).*

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet:[7]

Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor [8] – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: *"…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'"*. Pero` dan itturbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit *ex admissis* tghid li hi ma bezghetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel.

Illi fuq dan l-isenjament ma jistax jitqies li l-kliem li ntqal jammonta ghal theddid.

Illi l-prosekuzzjoni qed tiffaccja diffikulta` ferm u ferm akbar biex tipprova l-kaz taghha.

F'dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni strahhet esklussivament fuq informazzjoni li ntbghatitilhom minghand *Facebook* u fuq rizultanzi t'investigazzjonijiet li ghamlu minn *open sources* u mas-*service providers* lokali kif jixhed ir-rapport esebit minn PS 1335 Duncan Schembri.[9] Jigi sottolinejat li dak kontenut f'dan ir-rapport kif ukoll ix-xhieda tal-istess

[7] **Il-Pulizija vs Joseph Gauci;** Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano. Deciza 12 ta' Gunju, 2003;

Appell Kriminali Numru. 28/2003

[8] Fid-dottrina wiehed isib referenza ghal minacca esplicita u implicita, diretta u indiretta, reali u simbolika. Jista' jkun hemm ukoll minacca kondizzjonata – ara l-Artikolu 249(2) tal-Kodici Kriminali.

[9] Dok. DS

xhud tammonta biss ghall-*hearsay* u ghaldaqstant mhix wahda ammissibbli ai termini tal-artikolu 598 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili kif rez applikabbli bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Illi l-Professor A.J. Mamo jghallem kif gej:[10]

> There are many reasons assigned for rejecting hearsay, the two principal being first, that the person originally stating the facts does not state them on oath, and secondly, that the person against whom the evdience is offered had not the oppotunity of cross-examining that other person as to his recollection, vercity or means of knowledge. .....
>
> In Fitzgerald vs Fitzgerald (1863) it was stated that the foundation of the admissibility of any evidence is that it should be on oath, and that the party against whom it is tendered should have had a reasonable opportunity of cros-examination.

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi**. Fis-sentenza minn taghha l-Qorti studjat *funditus* ir-regola dwar il-*hearsay evidence:* [11]

> "Punt ta' Liġi – il-Hearsay Rule
>
> "Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.
>
> '598.(1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet. ....
>
> 599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu lfalz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.'

---

[10] Notes on Criminal Procedure, Vth Year

[11] Numru 33/2010; Deciz 28.06.2012 per S.T.O. Dr. Silvio Camilleri, Onor. Imhallef Dr. David Scicluna, Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit Mc Keon.

“Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’kawżi ta’ natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and
conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.’

“Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta’ dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

“Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista’ jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ ‘**Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija’** (13 ta’ Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim’Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.
“Peress li d-depożizzjoni, li tista’ tkun hearsay, tista’ tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

“F’dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: **Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja**). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:

“Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta’ dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma’ provi u ċirkostanza oħra tista’ wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.’ (1 t’April 2011 ‘Il-Pulizija versus Fabio Schembri’ preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).
“Għaldaqstant, il-Qorti qed tiċħad ir-raba’, il-ħames u s-sitt eċċezzjoni.”

Ikkunsidrat:
17. Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li ma hi xejn impressjonata b’sottomissjonijiet li saru mill-prosekuzzjoni fl-ewwel istanza fis-sens li jekk jigu dikjarati inammissibli x-xhieda enumerati (1)(2)(4)(5)(6)(7) u li ghalihom qed toggezzjona d-difiza dan ikun ifisser li l-prosekuzzjoni ma jkollhiex kaz (ara traskrizzjoni tat-trattazzjoni fl-ewwel istanza fol. 77 tal-atti tal-Qorti Kriminali): “jekk tnehhihom kollha lanqas ghandek kaz, full stop.”. Din il-Qorti hi sbalordita b’sottomissjoni bhal din. Jekk il-ligi tkun tirrikjedi li x-xhieda in kwistjoni “jitnehhew kollha” allura din il-Qorti hekk ser tiddeciedi ikun xi jkun ir-rizultat fuq “il-kaz tal-prosekuzzjoni”. Tkun problema kbira ghall-prosekuzzjoni jekk tkun serrhet il-kaz taghha fuq provi legalment inammissibbli u tittama li din il-

Qorti qatt ma tigi rinfaccjata bi prosekuzzjoni tali. Din il-Qorti ma hix fi hsiebha tammetti provi inammissibbli semplicement sabiex il-prosekuzzjoni "jkollha kaz".

18. ……... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal haddiehor tikkostitwixxi hearsay evidence izda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-uzu li wiehed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi prezentat bhala prova tal-kontenut tieghu allura dak ikun hearsay evidence u bhala tali inammissibbli izda jekk dak rakkontat jigi prezentat mhux bhala prova tal-kontenut tieghu izda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli ghal certi ghanijiet legali legittimi bhal sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tieghu ikun qieghed jigi rapportat jew, fic-cirkostanzi idoneji, anki sabiex tigi korroborata xiehda diretta ohra. Huma ghal dawn ir-ragunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tigi eskluza a priori izda d-decizjoni dwar l-opportunita` o meno li tithalla tinghata dik ix-xiehda u titqieghed quddiem il-gurija trid necessarjament tigi rimessa lill-Imhallef togat li jippresjedi l-guri li jkun tenut jaghti d-decizjoni tieghu skont ic-cirkostanzi li fihom jizvolgi l-guri u skont l-esigenzi evidenzjarji u procedurali tal-process.

19. Hekk, jekk tigi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridicita` ta' xhud, specjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tigi mcahhda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li taghtiha l-ligi, inkluz it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qieghed jiftakar sew dak li jkun qieghed jixhed dwaru jista' jkun mehtieg li jigi ezercitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' haddiehor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiz-zmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif inghad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-gurija il-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal haddiehor. Naturalment, hu ugwalment mistenni li l-ewwel Qorti ma tammettix ix-xiehda fuq kliem haddiehor jekk mhux unikament ghall-ghanijiet u fil-limiti permessi mil-ligi kif gia` spjegat…….

20. Mill-mod kif gie spjegat l-aggravju tal-akkuzat appellant f'dan ir-rigward jidher li l-akkuzat hu konsapevoli tal-pozizzjoni legali dwar il-hearsay kif spjegata kostantement mill-Qrati taghna u li din hi fis-sens kif spjegat mill-ewwel Qorti izda dak li jidher qieghed ihasseb lill-akkuzat appellant hu l-abbuz li jista' jsir mir-regola msemmija dwar il-hearsay peress li dak li jkun qal haddiehor jista' jigi malizzjozament uzat sabiex minflok biex jikkontrolla dak li jkun xehed haddiehor jew sabiex jikkorrobora provi diretti ohra jintuza sabiex effettivament jissostitwixxi dik ix-xiehda ta' haddiehor jew dawk il-provi diretti l-ohra. [sottolinejar tal-Qorti]

Illi dan l-insenjament gie abbracjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) f'decizjoni fuq eccezzjonijiet preliminari fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eric Tanti[12] kif koll Ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Felice.[13]**

---

[12] Att t'Akkuza Nru. 06/2016; Deciza id-9 ta' April 2018; S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri, Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon u Onor. Imhallef Edwina Grima

[13] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Att t'Akkuza Nru.5/2014, Dec: 22 ta' Settembru, 2016.

Illi korollarju ghall-artikolu 598 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, hu l-artiklu li jsegwi mmedajatment warajh, ukoll rez applikabbli ghall-procedurali penali bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici:

> **559.** Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.

Mill-banda l-ohra l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

> **638.** (1) Bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti kienet tistenna jew:

(a) li jinstemghu rapprezentati tas-*service providers* koncernati u msemmija fir-rapport esebit jew jigi prezentat affidavit taghhom bhal ma hi l-prassi f'kazijiet ta' natura sommarja;

(b) li jigu prodotti biex jixhdu viva voce rapprezentanti ta' *Facebook* jew li x-xhieda taghhom tinghata permezz ta' talba ghall-assistenza legali ai termini tal-artikolu 399 tal-Kodici Kriminali, kif rez applikabbli ghall-proceduri sommarji bl-artikolu 525(2) tal-Kodici Kriminali, li jipprovdi-

> 399. (1) Meta l-qorti tiddeċiedi li l-eżami ta' xi xhud jew li xi proċess ieħor fl-inkjesta minn xi awtorità barra minn Malta jkun meħtieġ b'mod indispensabbli, l-ittra rogatorja għal għajnuna legali u d-deċiżjoni tal-qorti għandhom, fi żmien tliet ijiem tax-xogħol, jiġu notifikati lill-Avukat Ġenerali li mbagħad jista', fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol, jagħmel kull sottomissjoni bil-miktub skont ma hu jkun jidhirlu meħtieġ.
>
> (2) L-imputat jista', mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xogħol minn dik id-deċiżjoni, jissottometti talba addizzjonali għall-eżami ta' xhud jew ta' xi proċess ieħor tal-inkjesta, u jaħtar persuna oħra li tidher għalih fl-eżami jew fil-proċess. Dan iż-żmien jista, għal raġuni tajba, jiġi mġedded:.....

Ma sar xejn minn dan.

Issir riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Neil Attard:**[14]

> Illi l-fatt li l-legizlatur jaghti drittijiet lid-difiza anke f'kazijiet fejn smiegh ta' xhieda issir b'rogatorji – u dan fuq domandi li Qorti <u>esklussivament ghandha s-setgha li tawtorizza</u>, liema domandi jsiru

[14] 3 ta' Dicembru, 2018

wara li jigi assigurat li l-process ghall-smigh xieraq jigi aderit *inter alia* permezz ta' domandi jkunu jirrispettaw ir-regoli procedurali (per ezempju li ma jsirux domandi diretti, li x-xhieda tkun konfermata b'gurament etc) - ikompli jibni fuq ir-regola li in principju xhieda ghandha tinghata dejjem *viva voce* kif jipprovdi l-artikolu 577(1) tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kif rez applikabbli bl-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali:

**577.** (1) Ħlief meta dan il-Kodiċi jiddisponi xort'oħra, l-eżami tax-xhieda fis-smigħ tal-kawżi għandu jsir fil-qorti bil-miftuħ u viva voce.

Ghalhekk anke kieku l-agir tal-imputata kien jikkostitwxxi theddid, baqa' ma giex soddisfacenement ippruvat in-ness bejn il-kondotta krimunza u l-imputata f'dawn il-proceduri. Anzi jirrizulta mill-istess rapport li l-*IP address* indikat minn *Facebook* kien registrat fuq certu Josephine Zahra u mhux fuqha.

Ghaldaqstant filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, tillibera lill-imputata minn kwalunkwe htija u piena rigward it-tieni imputazzjoni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**